KUNSILL LOKALI | KALKARA | LOCAL COUNCIL

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Kalkara**

**Is-8 LEĠISLATURA**

## Laqgħa Numru 8/2022

18 ta' Awwissu 2022

Il-Kunsilli Lokali Kalkara ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 1/ 2, Binja tas-Salvatur, Triq Luigi Pisani, Kalkara, fil-11:00 ta' filghodu.

### PREŻENTI:

Wayne Aquilina - Sindku
Vincent Bongailas - Viċi-Sindku
Maria Sultana - Kunsilliera
Speranza Chircop - Kunsilliera
Christopher Bruno - Kunsillier

Membri tal- Pubbliku: (0)

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Ma kienx hemm

**ASSENTI:**

Ma kienx hemm

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Elaine Caruana - Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sur Wayne Aquilina, Sindku, ippresjeda l-laqgħa

8.1 **<u>Qari ta' ittri ta' apoloġija</u>**

8.1. Ma kellniex.

8.2 **<u>Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' minuti</u>**

8.2.1 Il-minuti ta' seduta numru 7 u 8.22B kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u għal daqstant ġew meqjusa bħala moqrija.

8.2.2 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sinjura Speranza Chircop u ssekondata mis-Sinjur Vincent Bongailas il-minuti ġew approvati unanimament

8.3 **<u>Punti mill-Minuti Preċedenti :</u>**

**1. Punt 7.4.B Attivita Rnella Fest 6 ta' Awwissu 2022**

Is-Sur Sindku ta 'feedback' fuq l-attivita' li saret aktar kmieni dan ix-xahar fejn qal illi għal li saret l-ewwel darba kienet attivita' ta' suċċess b'konkorenza tajba ħafna anzi. Qal ukoll illi dejjem wieħed hemm fejn jirranġa u jieħu suġġerimenti biex għal darb'oħra jsiru aħjar. Huwa qal illi anke laqa' wkoll suġġerimenti tal-kunsilliera stess meta kienet qed tinħadem il-loġistika anke b'interess mill-kunsilliera stess li anke ġew jgħinu waqt l-attivita' stess. Is-Sindku qal illi huwa jixtieq illi din l-attivita' titniżżel fil-kalendarju tal-attivitajiet tal-kunsill bħal ma diġa' hemm skedati attivitajiet oħra f'calendar of events tal-istess kunsill. B'hekk il-kunsill ser ikun jista' japplika mall-ewwel għal fondi li jinħarġu mid-dipartiment bi preparament u loġistika lesta la darba l-istess attivitajiet ikunu diġa' saru fi snin preċedenti b'forsi f'xi tibdil fil-loġistika u mhux wieħed irid jibda mill-bidu jaħseb x'jista' jagħmel bil-fondi partikolari.

Is-Sindku saħaq illi tajjeb li wieħed jaħseb għal aktar attivitajiet li wieħed jista' jorganizza għal benefiċċju tar-residenti u anke ta' parteċipanti oħra li m'humiex mil-lokal.

Is-Sindku rringrazzja formalment lil kull min ta daqqa t'id biex din l-attivita' setgħet tittella' b'mod paartikolari lill-Kunsilliera Maria Sultana u Speranza Chircop li kienu preżenti miegħu.

## 8.4 Komunikazzjonijiet mis-Sindku:

8.4. A. **Community Police :** Is-Sindku nforma l-kunsill illi wara xi tibdil li sar minn naħa tal-amministrazzjoni tal-'Community Police' issa tajjeb li l-kunsill ikunu jafu illi fil-lokal ghandna uffiċjal ġdid is-Sur David Buhagiar. Huwa qal illi diġa' kellu laqgħa miegħu fl-uffiċju tal-Kunsill Lokali Kalkara fejn ġew diskussi materji varji u forsi xi problema li wieħed jaffaċja fil-lokal biex anke dan l-uffiċjal ikollu resume u informazzjoni fuq il-Kalkara biex ikun jista' jaħdem aktar bi ħsieb u kunfidenti. Is-Sindku reġa' fakkar illi l-operat tal-'community police' ma jaqax taħt ir-responsabbilta' tal-kunsill għalhekk le mhux dejjem inkunu jafu jekk din il-persuna hijiex xogħol jew le pero' l-mobile number tiegħu ser ikun pubbliku fuq post li ser titella' fuq fb ftit tal-ġranet oħra bl-informazzjoni kollha li wieħed għandu bżonn just in case jiġi bżonn xi ħaġa. In-numru ta' kuntatt ikun available la darba l-uffiċjal qiegħed xogħol.

B. **Bajja ta' Rinella** :Is-Sindku nforma l-kunsill illi bħal ma jaf kulħadd l-ilmenti dwar il-ġebel fil-Bajja ta' Rinella huma ħafna minn nies li jużaw anke din l-istess bajja ta' kuljum. Is-Sindku kkonferma illi f'diskussjonijiet kontinwi li hu jkollu mal-awtorita' kkonċernata l-ġebel tneħħa mhux darba u tnejn sa issa pero' wieħed irid jifhem illi l-ġebel li qed jitneħħa qed isir kontra ta' dak li trid in-natura u ġebel ieħor ser ikun qed jerġa' jitella' fuq ir-ramel. Is-Sindku spjega illi din hija kwistjoni ta' dejjem li wieħed irid jibqa' jieħu ħsieb minn żmien għal żmien biex inaqqas l-ilmenti fuq dan ir-rigward pero' ħadd ma jrid jinsa li l-ġbir ta' ġebel mhux biss li hemm bżonn f'dawk l-inħawi. Is-Sindku qal illi ser ikompli jaħdem u jinbotta biex finalment il-Gvern Ċentrali jagħti widen il-karba tal-Kunsill u tiġi riġenerata din il-bajja tant għal qalbna.

Fuq nota oħra s-Sur Sindku nforma l-kunsill dwar applikazzjoni ta' żvillupp minn naħa tad-direttorat tal-public works biex jiġu rrestawrati l-arkati li fil-preżent huma fi stat diżastruż in-naħa tal-blat tal-bajja ta' Rinella. Huwa qal illi flimkien mas-Seg Eżek attenda meeting mad-dg fejn ġie spjegat dan il permess li diġa' ntefa l-planning authority fuq dan ir-rigward. Is-Sindku saħaq illi kien ferm kuntent li għal lanqas issa hemm applikazzjoni formali biex dan ir-restawr isir wara ħafna lmenti li bħala kunsill saru mal-awtoritajiet ikkonċernati. Dan ma jfissirx li ser inkunu qed naraw restawr isir minn għada pero' minn tal-anqas il-proċess inbeda.

C. **Playing Field Tender :** Is-Sindku reġa' nforma l-kunsill wara laqgħa b'urġenza li saret mal-kunsilliera fuq l-istess rigward aktar kmieni dan ix-xahar illi wara l-problema li kien hemm biex inħareg l-ewwel darba

dan it- tender, il-board qed jerġa' jaħdem għat-tieni darba biex terġa' toħroġ sejħa għal offerti fiż-żmien li ġej b'permess speċjali biex iż-żmien jagħlaq f'data iqsar ħafna minn kif inhu suppost minħabba deadlines konkreti ta' fondi biex dan il-proġett finalment ikun jista' jsir. Is-Seg Eżek qed taħdem fuq din is- sejħa flimkien mal-board maħtur u appuntat mill-istess kunsill biex din id- darba s-sejħa toħroġ b'mod differenti biex tolqot aktar nies b'dak li fil-verita' għandna bżonn aħna u fuq il-gwida ta' parks malta li ser ikunu qed joħorġu l-parti l-kbira tal-fondi ta' dan il-proġett. Is-Sindku saħaq illi dan il-proġett li kien minn għalina li hu żgħir ikkumplika ruħu f'dak li huma proċeduri u xogħol li hemm bżonn biex din iż-żona ta' rikreazzjoni tkun compliant mal-liġi fil- preżent. Is-Sindku qal illi japprezza ferm ix-xogħol kollhu li qed isir bħalissa ta' loġistika biex tinħareġ din is-sejħa mill-ġdid b'requirements ġodda forsi aktar miftuħa għal bidders compliant.

**D. Applikazzjoni Finanzjament tal-Milied 2022 : Trejqet il-Milied**

Is-Sindku bħal ma kien diġa' nforma l-kunsill li l-istess kunsill qabel unanimament fis-sena 2021 illi la darba jinħarġu dawn il-fondi jerġgħu, il-kunsill għandu jerġa' japplika għal istess attivita', b'hekk allura fiż-żmien li ġej il-kunsill ser jerġa' japplika għal attivita' 'Trejqet il-Milied' li saret ukoll fit-2021 biex terġa' tittella' għal ħabta ta' Diċembru li ġej. Il-kunsill reġa qabel unanimament fuq dan ir-rigward u reġa' kkonferma li din l-attivita' tant kemm kienet ta' suċċess issa tniżżlet u hija kkonfermata fil-calendar of event tal-istess kunsill. Din l-attivita' la darba jingħata l-fondi l-kunsill ser tkun qed tiġi ppjanata l-ewwel ħadd ta' Diċembru nhar il-4 ta' Diċembru 2022. Din l-iskema ġġib l-isem ta' SPI/SCI/08/2022 bħala referenza. L-istess kunsill qabel illi l-ispejjeż relatati mal-attivita' li m'humiex ser ikunu ffinanzjati mill-iskema minnha nnifisha , il-kunsill ser ikun qed jagħmel tajjeb hu mill-finanzi tiegħu allokati u hekk kif dejjem jiġi ggwidat il-kunsill mill-accountant ingaġġat stess.

## 8.5 Korrespondenza :

Ma kienx hemm

## 8.6 Komunikazzjoni mill-Kunsilliera ;

**a)** Is-Sur Vincent Bongailas attivita' fis-27 ta' Awwissu

Is-Sur Bongailas informa l-kunsill illi nhar is-27 ta' Awwissu ser ikun qiegħed jipprova jorganizza attivita' bħala closing off tal-attivitajiet li għamel matul is-sajf tal-isports biex jingħata wkoll ċertifikat ta' parteċipazzjoni lit-tfal kollha. Huwa qal illi l-kunsilliera huma kollha mistednin li jattendu. Il-pjan hu li ssir għand il-kappillan. Huwa qal illi ser ikun qed jikkonferma kollox aktar tard dan ix-xahar skond l-attendenza kkonfermata mit-tfal stess minħabba li diġa' jaf li hemm min hu msiefer jew forsi inpenjat b'affarijiet oħra u jrid jara huwiex vijabli li ssir l-attivita' skond il-konkorenza tagħha.

Fuq nota oħra, is-Sindku s-Sur Wayne Aquilina staqsa lis-Sur Bongailas jekk huwiex beħsiebu jorganizza t- tberik tal-annimali li ssir iktar tard f'Ottobru 2022.

**b)** Is-Sinjura Speranza Chircop Ħarġa Kulturali

1. Is-Sinjura Chircop infurmat il-kunsill dwar Ħarġa Kulturali li ser tkun qed torganizza matul ix-xahar ta' Settembru għal Għawdex għal anzjani.

2. Is-Sinjura Chircop infurmat il-kunsill dwar email li rċeviet minn naħa tal- awtorita' tal-active ageing wara ħafna diskussjonijiet li hija kellha biex isiru attivitajiet abbinati mal-anzjani tagħna fil-lokal stess. Sezzjonijiet informattivi adekwati fejn ġiet infurmata illi t-talba tal-Kunsill Lokali Kalkara tiġi kkunsidrata la darba jsiru xi manutenzzjoni li hemm bżonn fil-kamra tal-IT tal-istess kunsill u f'kundizzjonijiet oħra li f'din l-email stess qed isiru fosthom 'safety measures' għal istess post. L-AAKK ukoll ikkonfermat li huma lesti joħorġu baġit ta' €500 għal dawn l-arranġamenti li jridu jsiru qabel ma jibdew l-istess sezzjonijiet. Is-Sindku kien ferm kuntent u qal li din hija nota pożittiva mmens u hemm bżonn jinbdew diskussjonijiet ma' din l-awtorita' biex jiġu setjati loġistiċi kollha li hemm bżonn.

3. Is-Sinjura Speranza Chircop saħħqet illi l-bus routes m'humiex qed jimxu mal-iskeda kkonfermata fil-Kalkara u li qed tirċievi ħafna lmenti minn għand nies illi jkunu qed jistennew fuq l-istages għalxejn u li qed jaslu tard għax-xogħol, għal appuntamenti l-isptar u iktar. Is-Sinjura Chircop qalet illi tajjeb li bħala kunsill isir xi tip ta'

rapport formali wkoll. Hija qalet li tkellmet ukoll mal-Ministru kkonċernat fuq din il-kwistjoni.

Is-Sinjura Speranza Chircop qalet illi fuq nota oħra rigward transport ukoll tajjeb li l-kunsill jerġa' jagħmel pressjoni fuq it-transport bil-baħar. Is-Sindku reġa' qal illi fil-preżent wieħed ma jista' jagħmel xejn il-għaliex it-tender attiv li hemm bħalissa hija skemata b'postijiet kif suppost u m'hemmx ċans li tbiddel ir-rotta biex tiġi nkluża l-Kalkara.

Is-Sur Bongailas qal illi tajjeb li wieħed jaħseb ukoll li la darba ikun hawn forsi transport bil-baħar ser ukoll tinqala' ta' problema x-xatt la darba wkoll ikun lest il-proġett ta' Riġenerazzjoni

**8.7 Punti Ġenerali**

Ma kienx hemm

**8.8 Mistoqsijiet lis-Sindku :**

1. Is-Sur Vincent Bongailas xtaq isaqsi lis-Sur Sindku jekk għandux xi tip ta' informazzjoni fuq ir-rilokazzjoni tat-tankijiet taż-żejt tan-naħa ta' Ricasoli li kellhom imorru l-Marsa skond il-Gvern Ċentrali

Is-Sindku qal illi fil-kumitat parlamentari fl-aħħar leġislatura (li ntemmet mal-Elezzjoni Ġenerali ta' Marzu li għadda) kienu qablu fuq ir-rilokazzjoni ta' dawn it- tankijiet. Minn dak iż-żmien l-hawn kienet saret elezzjoni ġenerali u sfortunatement id-diskussjonijiet fuq din il-kwistjoni jridu jerġgħu jinbdew minhabba dan ir rigward. B'hekk is-Sindku saħaq illi l-kunsill irid jerġa' jikteb il-gvern fuq din il-kwistjoni biex wieħed jerġa' jtella' din il-kwistjoni saħansitra fil-parlament għal darb'oħra.

2. Is-Sur Chris Bruno staqsa lis-Sindku hux mgħarraf b'xi fondi ta' sostenibbilta' li ħarġu minn awtorita' partikolari għal benefiċċju tar-residenti.

Is-Sindku flimkien mas-Seg Eżek qalu illi dawn il-fondi m'humiex vijabbli 'l għaliex m'humiex 100 percent financed u fil-qgħada preżenti tal-kunsill wieħed lanqas ikun jista' japplika b'obbligu u gwida wkoll tad -dipartiment tal-kunsill.

3. Is-Sinjura Maria Sultana staqsiet lis-Sindku jekk hemmx xi possibilta' jsir xi ħaġa differenti minn dak li hemm fil-preżent fit-Triq Patist Borda minħabba l-fatt illi s-sitwazzjoni ġiet waħda perikoluża għal karozzi li jużaw dawk l-inħawi.

Is-Sindku stqarr illi qabel ma jkun jista' jmur fuq il-post u jara naqra s-sitwazzjoni u jiddiskutija mal-uffiċjali tal-awtorita' kkonċernata mhux ser ikun qed jagħti tweġibiet konkreti ħabba raġunijiet ovvji.

4. Is-Sinjura Maria Sultana xtaqet issaqsi lis-Sindku jekk huwiex possibbli ssir 'traffic management' ġdida mar-roundabout ta' qabel tidhol fil-mina ewlenija tal-Kalkara minħabba raġunijiet ta' sigurta'

Is-Sindku qal illi fil-verita' ż-żona lanqas taqa' taħt il-kompetenza tal-Kunsill Lokali Kalkara u li jrid ikun hemm diskussjonijiet ħolistiċi mal-awtorita' tat-traffiku kif ukoll mall-Kunsill Lokali Birgu .

## 8.9 Mozzjonijiet

Ma kienx hemm

## 8.10 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti.

Is-Sindku kkonferma illi l-iskeda kienet intbgħatet via email aktar kmieni din il- ġimgħa biex kull kunsillier ikollu ċans jagħtiha titwila suppost qabel japprova l-istess pagamenti .

Fuq proposta tas-Sa. Speranza Chircop ssekondata mis-Sur Christopher Bruno, il-Kunsill Lokali unanimament approva l-pagamenti inklużi fl-iskeda ta' ħlasijiet li tinstab annessa u tiffo minn dawn il-minuti (DOK A). 8.22

**8.1 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Is-Seduta ntemmet fis-1:00pm wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għal-16 ta' Settembru 2022 fil-10:00 ta' filghodu.

Konfermati, illum ______________________________

______________________
**Wayne Aquilina**
Sindku

______________________
**Elaine Caruana**
Segretarju Eżekuttiv